**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Deċiżjoni Numru . 2570**

Każ Nru: 3405/ ET

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Patrick Calleja

u

Marina Hotel Corinthia Beach Resort
u b'digriet tal-4 ta' Frar, 2016, gie korrett
ghal Marina San Gorg Limited

Illum : 17 ta' Jannar, 2019

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt.

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-każ**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace nhar l-1 ta' Ottubru 2015, f'isem is-Sur Patrick Calleja, ir-rikorrent.

Ir-rikorrent iddikjara li kien impjegat mas-soċjeta' intimata minn Frar 2013, u li kien irċieva ittra mill-*Employment Training Corporation (ETC)* fejn ġie infurmat li tkeċċa għal raġunijiet ta' dixxiplina. Illi din it-terminazzjoni saret mingħajr raġuni valida skont il-Liġi għaliex ma kien hemm ebda raġuni ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent li setgħet waslet għal tkeċċija u dan l-aġir jikkonsistitwixxi raġuni ta' tkeċċija inġusta. Ir-rikorrent bata danni serji reali b'din it-tkeċċija. Ir-rikorrenti kompla jiddikjara li darba biss kellu każ ta' dixxiplina għax ma laħħaqx max-xogħol imma skond hu dan ġara għax tawh wisq xogħol.

Għaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal biex jiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija responsabbli għal tkeċċija inġusta għar-raġunijiet spjegati u jingħata kumpens ġust għal danni li sofra.

Min-naħa tagħha s-soċjeta' intimata permezz tal-Avukat Dr. Karl Briffa ddikjara kif ġej: Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati u t-terminazzjoni saret għal raġunijiet tajba u suffiċjenti. Ir-rikorrent ġie tterminat permezz ta' ittra ta' terminazzjoni tal-11 ta' Ġunju, 2015, u dan sar wara laqgħa ta' dixxiplina li saret fl-10 ta' Ġunju, 2015, li fiha r-rikorrent kien assistit minn rappreżentanti tal-General Workers' Union li kien membru tagħha.

Din il-laqgħa saret wara li nħareġ *charge* kontra r-rikorrent fuq allegati nuqqasijiet ma' inċidenti li saru fl-aħħar fis-26 u fis-27 ta' April 2015. Din il-laqgħa suppost saret fl-4 ta' Mejju, 2015, iżda ġiet posposta minħabba saħħet ir-rikorrent. Illi allura l-allegazzjoni tar-rikorrent li sar jaf bit-tkeċċija mill-ETC hija għal kollox infondata u inveritiera.

Illi fil-laqgħa r-rikorrent ma ta l-ebda ġustifikazzjoni fuq in-nuqqasijiet li kienu fiċ-*charge* u li ġew ippruvati mis-soċjeta' intimata u li kienu jirrigwardjaw b'mod konsistenti nuqqas ta' qadi ta' dmirijiet.

Illi s-soċjeta' qabel ħadet id-deċiżjoni finali li tittermina l-impjieg ikkunsidrat li r-rikorrent ingħata diversi twissijiet; sija formali u informali dwar nuqqasijiet varji; iżda minkejja l-opportunitajiet mogħtija lilu, ftit kien hemm titjib. Għaldaqstant is-soċjeta' ikkonkludiet d-dikjarazzjoni tagħha billi fakkret illi r-rikorrent kien qiegħed fuq *Final Written Warning* bid-data 14 ta' Ġunju 2014 li segwiet *Written Warning* datat 21 ta' Diċembru 2013.

Illi għalhekk it-terminazzjoni tar-rikorrent hija waħda ġusta skont il-liġi u li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proċeduri xehdu: Sandro Borg – *Financial Controller,* Nicky Vella – *Chef,* Silvio Scicluna – *HR Manager,* Josianne Vassallo – *Chef de Partie,* John Buttigieg – *Sous Chef,* Joseph Saliba – Jobsplus, Kenny Muscat – GWU, Claudio Pisani – *Pastry Chef,* Aron Buttigieg – *Sous Chef* u r-rikorrent. Ġew esebiti wkoll diversi dokumenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet u Deċiżjoni</u>**

It-Tribunal għandu biex jikkunsidra jekk is-soċjeta' intimata kinitx ġusta u skont il-liġi meta tterminat l-impjieg tar-rikorrent.

Ir-rikorrent kien irċieva twissija finali fl-14 ta' Lulju, 2014, fuq kliem mhux xieraq, atteġġjament li tellef it-*team work* u li ma wettaqx xi xogħlijiet. Iċ-*charge* li wassal għal tkeċċija datat 29 ta' April, 2015 u l-ittra ta' terminazzjoni datata 11 ta' Ġunju, 2015 li saret wara proċess dixxiplinarju kienu bbażati fuq li fis-26 ta' April, 2015, xi oġġetti li jintużaw għal *breakfast* ma nħaslux u li ma meliex il-*plate warmer* u wkoll xi oġġetti oħra ma nħaslux u dawn kienu se jintużaw l-għada 27 ta' April, 2015.

It-Tribunal innota wkoll il-fraġilita' tar-rikorrent u l-bżonn ta' għajnuna medika meta dan kien ikun taħt stress b'mod partikolari meta jirċievi xi aħbar negattiva.

It-Tribunal għaraf in-nuqqasijiet imsemmija fil-*final warning* u fl-ittra ta' terminazzjoni filwaqt li eżamina x-xhieda kollha.

It-Tribunal jidhirlu li n-nuqqasijiet imsemmija mhumhiex serji u vitali biżżejjed biex iwasslu għat-tkeċċija. Fix-xhieda ħareġ li dawn in-nuqqasijiet kien jagħmilhom kulħadd.

Is-soċjeta' intimata warrbet għal kollox il-fraġilita' tar-rikorrent u kienet taf bil-konsegwenzi li r-rikorrent jista' jkollu bit-tkeċċija. Vera li n-nuqqasijiet, li jagħmilhom kulħadd, kienu ftit spissi iżda fil-maġġoranza kienu minuri. Wieħed ma jridx jinsa t-tajjeb tar-rikorrent li kien rikonoxxut b'diversi ċertifikati.

Għaldaqstant dan it-Tribunal wara li eżamina s-sottomissjonijiet, ix-xhieda u d-dokumenti qed jiddeċiedi li t-tkeċċija tar-rikorrent kienet deċiżjoni sproporzjonata u għalhekk inġusta u li hemm lok li jingħata kumpens.

Il-kumpens qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' sitt elef u ħames mitt ewro (€6,500) liema kumpens għandu jitħallas mis-soċjeta' intimata lir-rikorrent fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Għall-finijiet tal-kapitlu 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti d-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet dawn jiġu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**CHAIRMAN**

Vera Kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja